# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Hamis 18 ta’ April 2002 .

### Avviz numru : 90/2000G2(PC)

Bogi Auto Limited .

VS

Joseph Attard .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi huwa ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u wiehed u tletin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm531.25c) dovuti minnu lill-istess kumpanija attrici bhala bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu, jigi kkundannat ihallas l-istess ammont flimkien ma’ l-interessi b’effett mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ April, 2000 u tal-ittra ufficjali ta’ Mejju 2000, kontra tieghu, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-istess konvenut li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat il-verbal tax-xhieda bil-gurament illi ta Joseph Vella ghan-nom tas-socjeta’ attrici illi spjega ghal xhiex huma dovuti l-ammonti illi huwa qed jirreklama permezz ta’ dan l-avviz .

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar, ta' din is-sena, illi permezz tieghu l-konvenut seduta stante obbliga ruhu illi sat-8 ta' frar ta' din is-sena, ihallas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici, l-ammont ta' hames mija u tletin lira maltija (Lm530), filwaqt li s-socjeta' attrici kellha tikkonsenja batterija tal-mitt amp, gdida, pero' minghajr ebda garanzija, kif ukoll id-dokumenti relattivi ghal magna Toyota .

Semghet lill-istess Joseph Vella fis-seduta tal-lum, jikkonferma illi l-konvenut naqas li jottempera ruhu mal-verbal tas-seduta precedenti, u ghalhekk l-ammont kollu illi huwa ntrabat illi jhallas baqgha ma huwiex sal-lum saldat .

Rat il-verbal taghha tal-lum stess, fejn ipposponiet din il-kawza ghas-sentenza .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista tal-konferma ta' Joseph vella f'isem is-socjeta' attrici illi l-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx l-ammont li huwa ntrabat illi jhallas sat-8 ta' Frar ta' din is-sena, ma ghandha l-ebda xelta ohra ghajr illi tilqa' l-istess talba attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma indikata ta' hames mija u tletin lira maltija illi huwa obbliga li kellu jhallas lis-socjeta' attrici sat-8 ta' Frar ta' din is-sena, bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-istess konvenut, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza . U dana peress illi ma rrizultax minn dan il-process id-data ta' meta saret il-konsenja ta' l-oggetti in kustjoni .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S9000G2(Pc)
412